**KUNSILL LOKALI IR-RABAT (KLR)**

**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU DISGĦIN (90)**

**It-Tlieta, 15 ta' Jannar 2019 fis-7.00 pm** Data u ħin

**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

***** Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur Charles Azzopardi.

**90.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija** Qari tal-ittri ta' apoloġija

90.01 Inqrat l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Stephen Borg biex ikun skużat minħabba xogħol u din kienet aċċettata u kien skużat b'vot unanimu.

**90.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta Numru 89**

Approvazzjoni tal-Minuti numru 89

Kienu kkunsidrati u approvati b'vot unanimu l-minuti tas-seduta numru 89 kif proposti minn mis-Sindku u ssekondati mill-Viċi Sindku.

**90.03 Komunikazzjoni mis-Sindku:**

Komunikazzjoni mis-Sindku

Ma' kienx hemm komunikazzjoni mis-Sindku.

**90.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

90.04.01 Is-Sur Andrew Mallia talab sabiex fi Triq Pierre Muscat propju fejn sar ftit ilu *major patching*, isiru parking slots għall-vetturi.

*Parking bays* ġodda

90.04.02 Is-Sur Andrew Mallia ippropona sabiex issir talba lill-Transport Malta biex jonqsu l-inċidenti ħalli l-parking slots perpendikulari mal-bankina fi Triq Santa Rita li fihom wieħed jista' jipparkja bil-quddiem, isiru fid-direzzjoni opposta u jitwaħħlu l-*wheels stoppers* ħalli ma jibqgħux deħlin għal fuq il-bankina. Dwar dan intqal illi dawk qiegħdin hekk apposta biex x'ħin jistartjaw il-vetturi ma jimlewx lil min ikun għaddej minn fuq il-bankina bid-duħħan.

Parkeġġ bil-vetturi fid-direzzjoni opposta.

90.04.03 Is-Sur Nazju Cassar talab li jerġgħu jitwaħħlu l-*U Bars* f'Misraħ il-Parroċċa u viċin San Katald biex x'ħin jistartjaw il-vetturi, ma jimlewx bid-duħħan lil min ikun għaddej.

Twaħħil ta' U-Bars f'Misraħ il-Parroċċa.

90.04.04 Is-Sur Ian Vassallo qal illi xi vetturi tqal għamlu ħsara fi Triq Sant Antnin b'tali mod illi t-triq sfrundat 'l isfel.

Ħsarat fi Triq Sant Antnin.

90.04.05 Issemmiet il-ħtieġa ta' manutenzjoni ta' bankina fi Triq Sant Aristarkus, ir-*refreshing* tal-marki tat-traffiku għall-waqfien tal-*coaches* tat-tfal, viċin is-sorijiet fi Triq San Vinċens Ferreri, il-ħtieġa illi jinġabar l-iskart li ntrema' llegalment hekk kif jispiċċa t-tarmak f'Fomm ir-Riħ, it-talba li għandha ssir lill-ERA biex jinqalgħu is-siġar il-kbar fi Triq il-Kulleġġ u biex jitranġa l-qlib tal-ilma fl-istess triq peress li qed iżomm ħafna ilma viċin il-kantuniera ma Triq Sant Antnin.

Talbiet oħrajn

90.04.06 Kien hemm qbil unanimu sabiex tintbgħat *Default Notice* lill-kollettur tal-iskart minħabba n-numru kbir ta' lmenti li rċevejna minn kemm ilu li ddaħħlet l-introduzzjoni tal-ġbir tal-iskart separat. F'dan il-punt intqal illi f'Ta' Koronja ilu ma jinġabar l-isart għal dawn l-aħħar erba' ġimgħat.

*Default Notice* – Kollettur tal-Iskart

**90.05 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 288 u *Works Order* 7;**

Ċedola tal-Pagamenti u tal-*Works Orders*

Is-Sindku ppropona ċ-ċedola tal-pagamenti u dik tal-*Works Orders* u ssekondat s-Sra Doris Coleiro. Il-KLR apoprova dawn il-pagamenti unanimament..

**90.06 Biex jinħatru l-membri tal-Bord ta' Evalwazzjoni tal-offerta pubblika RLC/T/0175/2018 Luminaires f'Misraħ il-Parroċċa u s-Saqqajja.**

Tender tal-*Luminaires* f'Misraħ il-Parroċċa u s-Saqqajja

Kien appuntati dawn is-Sinjuri. Is-Sur Kenneth Brincat bħala Chairperson, u s-Sur Paul Bugeja, Dr Mark Fenech Vella u l-Perit Daniel Cordina (tekniku) bħala membri ta' dan il-Kumitat. F'dan il-punt intqal illi kieku jkunu nstallati l-*floodlights* maċ-Ċentru Ċiviku flok lanterni, jkunu ffrankati ħafna flus, minkejja li xorta se nużaw diversi lanterni ħdejn San Katald, fejn il-PL Club u s-Saqqajja.

**90.07 Talba għal preżentazzjoni ta' proposta lukanda fit-Telgħa tas-Saqqajja mill-iżviluppaturi**

Lukanda proposta taħt is-Saqqajja

Minkejja li dan is-sit ma jaqax fil-konfini tagħna, l-KLR iddeċieda illi xorta għandna nisimgħu b'dak li għandhom x'jgħidulna l-iżviluppaturi mingħajr ma nieħdu pożizzjoni f'dan l-istadju. Il-laqgħa se tintalab nofs siegħa qabel is-seduta li jmiss tal-KLR.

**90.08 Talba għal spejjeż minħabba ħsarat fuq vettura f'ħofra fi Vjal il-Ħaddiem**

Refużjoni minħabba ħsarat fuq vettura.

It-talba tas-Sinjura Muscat kienet milqugħa unanimament.

**90.09 Performance Appraisals tal-Impjegati**

*Performance Appraisals/Bonus*

Kienu kkunsidrati l-*appraisals* tal-impjegati u kien deċiż unanimament fuq proposta tas-Sindku li ssekondata il-Viċi Sindku, illi s-Segretarji Eżekuttivi, l-Assistant Principal, Uffiċjal Eżekuttiv u l-Clerk ikunu mogħtija l-massimu tal-*performance bonus* għax-xogħol kbir li qed isir. Is-SE irringrazzja lis-Sindku, Viċi Sindku u l-Kunsillieri tal-fiduċja u tar-rikonoxximent tagħhom.

**90.10 Applikazzjoni għat-tiġdid ta' *vacation leave* mis-sena 2018 għall-2019 tal-Uffiċjal Eżekuttiv**

Tiġdid ta' Vacation Leave

Is-Sur Nazju Cassar ippropona u kien issekondat mis-Sindku. Il-kunsillieri kienu unanimi fid-deċiżjoni biex il-vacation leave tal-Uffiċjal Eżekuttiv ikun imġedded għall-2019.

**90.11 L-Eżodu tal-laqgħa pubblika u l-Estimi Finanzjarji 2019**

Estimi Finanzjarji 2019

Il-laqgħa pubblika inżammet qabel ma bdiet din il-laqgħa b'persuna waħda mill-pubbliku li attendiet għaliha. Fiha inqara r-rapport imħejji mis-Sindku. L-estimi finanzjarji se jerġgħu ikunu kkunsidrati fil-laqgħa li jmiss filwaqt li għaliha se tkun imsejjħa l-*Accountant.*

**90.12 Għażla tal-Iskrivan/a u Uffiċjal Eżekuttiv** Inġaġġ ta' Skrivan/a u Uffiċjal Eżekuttiv

Il-KLR ikkunsidra ż-żewġ rapporti tal-iskrivan/a u tal-uffiċjal eżekuttiv tas-*Selection Board.* Dawn kienu mressqin għal vot mis-Sindku u ssekondahom is-Sur Ian Vassallo li propju kienu membri fi ħdan l-istess *Selection Board*. Ir-rapporti għaddew unanimament. Is-SE qal illi fil-każ tal-għażla tal-Uffiċjal Eżekuttiv jiddependi mir-rikonoxximent / validita' ta' ċertifikat akkademiku li għandha, għaliex it-tieni A-Level ma ħariġx mill-Universita' ta' Malta iżda mill-Malta Institute of Management.

**90.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** Tmiem

Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar id-19 ta' Frar 2019, fis-7.00pm u din il-laqgħa ntemmet fit-7.45pm. Aġġornament

| | | |
|---|---|---|
| | **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| Magħmula minn | Anthony Bonello u approvati llum 19/2/19 minn | Charles Azzopardi |
| | Segretarju Eżekuttiv | Sindku |